31996R1125

25.6.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 150/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1125/96

tal-24 ta' Ġunju 1996

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 97/95 li jipprovdi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 f'dak li għandu x'jaqsam mal-prezz minimu u ħlas kompensatorju li għandhom jitħallsu lill-produtturi tal-patata u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1868/94 li jistabbilixxi sistema ta' kwota f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni tal-lamtu tal-patata

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċerejali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 923/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 (5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1868/94 tas-27 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi sistema ta' kwota f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni tal-lamtu tal-patata [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 206/96 [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 97/95 [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 206/96, li jipprovdi regoli ddettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 f'dak li għandu x'jaqsam mal-prezz minimu u ħlas kompensatorju li għandhom jitħallsu lill-produtturi tal-patata u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1868/94 li jistabbilixxi sistema ta' kwota f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni tal-lamtu tal-patata;

Billi r-Regolament (KE) Nru 97/95 jiffissa, fost affarijiet oħra, il-kontenut minimu tal-lamtu tal-patata imqassma lil impriżi li jimmanufatturaw il-lamtu għal 13 %; billi iżda, r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2953/95 tal-20 ta' Diċembru 1995 li jiffissa l-kontenut minimu tal-lamtu tal-patata f'ċerti Stati Membri fis-sena ta' suq [6] 1995/96 jidderoga minn din ir-regola fuq il-bażi tat-tieni subparagrafu ta' Artikolu 6 (2) tar-Regolament (KE) Nru 97/95 billi jiffissa l-kontenut minimu tal-lamtu għall-Awstrija, Franza, l-Olanda, il-Ġermanja w d-Danimarka għal 12,8 %;

Billi, fid-dawl ta' l-esperjenza, din id-deroga għandha tkun introdotta b'mod permanenti fir-Regolament (KE) Nru 97/95, li tħalli produtturi tal-lamtu jaċċettaw kunsinni ta' patata b'kontenut tal-lamtu ta' inqas minn 13 % sakemm il-kwantità tal-lamtu li tista' tkun immanufatturata minn dik il-patata ma taqbiżx 1 % tas-subkwota tagħhom; billi l-penali talli jkunu aċċettati kunsinni b'kontenut tal-lamtu ta' inqas mill-kontenut minimu permess għandhom ikunu stabbiliti billi jiżdied l-Artikolu 13;

Billi d-definizzjoni ta' patata fl-Artikolu 1 (f) għandha tkun riveduta;

Billi l-kondizzjonijiet għal għoti ta' ħlas kompensatorju għandhom ikunu ċċarati billi jiżdied l-Artikolu 7 u l-kondizzjonijiet għal li jingħata l-kumpens għandhom ikunu ċċarati billi jiżdied l-Artikolu 11;

Billi l-Kumitat ta'Ġestjoni għaċ-Ċerejali ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien iffissat mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 97/95 hu emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 (f) jinbidel b'dan li ġej:

   "(f) patata: patata maħsuba għall-manufattura tal-lamtu tal-patata msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 u b'kontenut tal-lamtu ta' anqas minn 13 %; minbarra fejn japplika t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6 (2).";

2. L-Artikolu 6 (2) hu mibdul b'dan li ġej:

   "2. Kunsinni aċċettati għandu jkollhom kontenut tal-lamtu ta' inqas minn 13 %.

   Iżda, impriżi li jipproduċu l-lamtu jistgħu jaċċettaw kunsinni ta' patata b'kontenut tal-lamtu inqas minn 13 % sakemm il-kontenut tal-lamtu li jista' jkun immanufatturat minn din il-patata ma jaqbiżx il-1 % tas-subkwota. il-prezz minimu li għandu jitħallas f'dan il-każ għandu jkun dak validu għal kontenut tal-lamtu ta' 13 %";

3. is-sentenza li ġejja għandha tiżdied ma' l-aħħar ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7 (1):

   "M'għandu jingħata l-ebda kumpens la għal lamtu prodott minn patata li m'hiex ta' kwalità tajba u tajba għall-bejgħ u lanqas għal-lamtu prodott minn patata li l-kontenut tal-lamtu hu inqas minn 13 %, minbarra fejn japplika t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6 (2).";

---

[1] ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
[2] ĠU L 126, ta' l-24.5.1996, p. 37.
[3] ĠU L 197, tat-30.7.1994, p. 1.
[4] ĠU L 27, tat-3.2.1996, p. 7.
[5] ĠU L 16, ta' l-24.1.1995, p. 3.
[6] ĠU L 308, tal-21.12.1995, p. 44.

4. l-Artikolu 7 (a) li ġej hu miżjud:

"Artikolu 7(a)

Il-ħlas kompensatorju għandu jingħata lil produtturi għal patata ta' kwalità tajba u tajjeb għall-bejgħ, fuq il-bażi tal-kontenut tal-lamtu tal-patata konsenjata, skond ir-rati ffissati fl-Anness II. 'M'għandu jingħata l-ebda ħlas kumpensatorju la għal lamtu prodott minn patata li m'hiex ta' kwalità tajba u tajba għall-bejgħ u lanqas għal lamtu prodott minn patata li l-kontenut tal-lamtu hu inqas minn 13 %, minbarra fejn japplika t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6 (2).";

5. L-Artikolu 11 (1) (b) hu mibdul b'dan li ġej:

"(b) Fil-każ tal-kumpens li għalih hemm referenza fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1868/94, fuq il-kondizzjonijiet li:

— l-impriża li tipproċessa tagħti prova li pproduċiet il-lamtu partikolari matul is-sena ta' suq ikkonċernata,

— l-impriża tagħti prova li ħalset prezz mhux inqas minn dak li għalih hemm referenza fl-Artikolu 8 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92, fil-fażi ta' tqassim fil-fabbrika għall-kwantità kollha ta' patata prodotta fil-Komunità, użata għall-produzzjoni tal-lamtu,

— li l-impriża tagħti prova li l-lamtu partikolari ġie prodott minn patata koperta minn kuntratti ta' kultivazzjoni li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 4.";

6. fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 13 (4), il-kliem "persentaġġ partikolari" huwa mibdul b' "persentaġġ reġistrat";

7. il-paragrafu li ġej hu mdaħħal wara l-Artikolu 13 (4):

"4 (a) Jekk, għal kuntrarju ta' l-Artikolu 6 (2), il-lamtu li jista' jiġi prodott minn kunsinni aċċettati b'kontenut tal-lamtu inqas minn 13 %:

— jaqbeż 1 % tas-subkwota ta' l-impriża li tipproċessa, m'għandu jingħata l-ebda kumpens fuq il-kwantità maqbuża. Barra minn dan, il-kumpens mogħti għas-subkwota għandu jkun imnaqqas b'għaxar darbiet il-persentaġġ maqbuż reġistrat;

— jaqbeż 11 % tas-subkwota ta' l-impriża li tipproċessa, m'għandu jingħata l-ebda kumpens għas-sena ta' suq partikolari. Barra minn dan, l-impriża li tipproċessa m'għandiex tkun eliġibbli għall-kumpens għas-sena ta' suq ta' wara.";

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata ta' wara li jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot kollu kemm hu u jkun applikabbli direttament fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-24 ta' Ġunju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni